**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 152/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Godfrey Bonnici**

Illum 29 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Godfrey Bonnici**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 382367(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Marzu 2018 għall-ħabta tad-9.15am ġewwa Bonnici Stores, fi Triq Burmarrad, limiti tax-Naxxar:

1. ħebb għal David Bonnici sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod;

2. insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil David Bonnici;

3. għamel reat ieħor wara li kien ġie kkundannat għal reat, b'sentenza datata 23 ta' Mejju 2016 mogħtija mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. liema sentenza saret definittiva u b'hekk ġab ruħu reċidiv;

4. naqas li josserva jew kiser xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni ħarġet b'sentenza definittiva datata 23 ta' Mejju 2016 maħruġa mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LL.D. fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurta' ta' David Bonnici għal perjodu ta' tliet snin u dan bi ksur ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 289, 339(1)(d), 339(1)(e) u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37). Il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' David Bonnici *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sena mid-data tas-sentenza *ai termini* tal-kondizzjonijiet imniżżla f'Digriet mogħti mal-istess sentenza u li kellhom jifformaw parti mis-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Godfrey Bonnici" tat-2 ta' Settembru 2020 in kwantu din sabet ħtija tal-imputat u*

*konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena. Fin-nuqqas li tintlaqa' din l-ewwel talba, u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellant, l-appellant jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex f'dak il-każ, jogħġobha tħassarha f'dik il-parti fejn l-appellant kien ikkundannatu jħallas multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u fejn ħarġet Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' David Bonnici ai termini tal-Artikolu 412Ċ u konsegwentement tipprovdi għal piena li hija aktar ekwa considerando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern, u dan taħt kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulent legali tal-*parte civile* David Bonnici ddikjara li l-imsemmi *parte civile* kien qed jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-appellant.

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Novembru 2023 din il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat li għas-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023 jattendi l-*parte civile* David Bonnici u dana fid-dawl ta' dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2024, lill-*parte civile* David Bonnici jixhed in segwitu tad-digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Settembru 2020.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah mill-imputazzjonijiet li huwa ġie misjub ħati tagħhom u fin-nuqqas li tipprovdi għal piena li hija waħda aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti: Il-kwerelant David Bonnici kien juża r-riżorsi ta' Bonnici Stores biex jagħmel xi xogħlijiet tiegħu personali. Diversi fatturi ħolqu tensjoni u tilwim bejn l-aħwa. David Bonnici kien ħalla apparat li kellu x'jaqsam max-xogħol tiegħu personali f'nofs il-*yard* minkejja li l-appellant kien talbu jneħħih jumejn qabel. L-appellant rikeb il-*forklifter* u beda jressaq l-apparat fil-ġenb. Il-kwerelant mar fuqu u daħħal rasu u idu fil-*lifter* u ħadlu ċ-ċavetta. L-istess kwerelant allega li l-appellant qabdu minn għonqu, offendieh u tkellem ħażin. Jirriżulta li l-kwerelant ippreżenta filmat li kellu aċċess għalih hu biss.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq is-segwenti aggravji:

- L-<u>ewwel aggravju</u> huwa dwar l-ewwel (1) imputazzjoni li skont l-appellant qatt ma setgħet tirriżulta. Jisħaq li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-filmat iżda skont hu kien il-kwerelant David Bonnici stess li stqarr li kien hu li mar jiġri għal fuqu (fuq l-appellant) meta dan kien fil-*forklifter*. Qal li ma sabitlu ebda ħsara għaliex kien ħadlu ċ-ċavetta. Jgħid li fix-xiehda tiegħu, David Bonnici qal li kien hu li mar biex iwaqqfu (lill-appellant) biex hu (l-appellant) ma jagħmilx ħsara u jisħaq li dan l-aġir ta' David Bonnici kien ferm perikoluż għax hu kien mar jipprova jieħu l-*ignition key* waqt li l-*forklifter* kien qed ikun misjuq. Jargumenta li kien David Bonnici li daħħal rasu u li hu (l-appellant) ipprova jirreżisti li ċ-ċwievet jittieħdu. Jisħaq li mhux tassew li hu (l-appellant) ħebb għall-kwerelant

jew dawwar idu ma' għonqu. Jgħid li għonq il-kwerelant spiċċa f'ħoġor l-appellant. Jgħid li fix-xiehda tiegħu, hu (l-appellant) ċaħad li pprova jweġġa' lill-kwerelant jew li pprova jaħtfu minn rasu.

- It-tieni aggravju huwa li t-tieni (2) imputazzjoni qatt ma setgħet tirriżulta għaliex hu ma nsulentax lill-kwerelant. Jgħid li l-kwerelant xehed li ma kienx mhedded minnu (mill-appellant) imma sempliċement qallu li hemm ġew hu (l-appellant) qallu li kien qisu xejn. Jisħaq li kien il-kwerelant li qallu li hemm hu (l-appellant) qisu m'hu xejn. Isostni li ma hemm ebda kelma li tikkostitwixxi theddid.

- It-tielet aggravju huwa li hu kellu jiġi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni minħabba li jsostni li kellu jiġi liberat mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

- Ir-raba' aggravju huwa li hu qatt ma seta' jinsab ħati tar-raba' (4) imputazzjoni ladarba ma kellux jinstab ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ma ppreżentat ebda Ordni ta' Protezzjoni u jisħaq li għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova.

- Il-ħames aggravju huwa li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhijiex waħda ekwa fiċ-ċirkostanzi meta wieħed jikkonsidra r-retroxena u r-relazzjonijiet familjari.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li mhux talli l-konsulent legali tal-kwerelant David Bonnici ddikjara li l-kwerelant David Bonnici kien qed jirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-appellant, talli din il-Qorti eżiġiet li l-istess kwerelant jixhed quddiemha dwar din ir-rinunzja u dana sabiex tisma' minn għandu li verament kien qed jifhem xi jfisser meta jingħad li jkun qed jirrinunzja u li ma kien mġiegħel jew sfurzat minn ħadd biex jagħmel hekk. Mid-depożizzjoni mogħtija mill-kwerelant David Bonnici quddiemha, din il-Qorti qieset li huwa verament ried jirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli fil-

konfront tal-appellant u li ma kien mġiegħel minn ħadd biex jagħmel hekk. Jirriżulta li l-kwerelant (li huwa ħu l-appellant) fehem x'kien qed jiġri ġialadarba rrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli. Għal kull buon fini għandu jingħad li l-kwerelant qal lil din il-Qorti li llum il-ġurnata r-relazzjoni bejnu u bejn ħuh l-appellant hija waħda tajba. Tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u ta' dak li qal il-kwerelant David Bonnici quddiemha, din il-Qorti ser tipproċedi sabiex tieħu in konsiderazzjoni r-rinunzja tal-istess David Bonnici.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma kontravenzjonijiet li jistgħu jiġu rinunzjati mill-kwerelant, kif ukoll il-fatt li l-kwerelant f'dan il-każ irrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli, fid-dawl ta' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddikjara l-proċediment eżawriet fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet in kwistjoni. Peress li s-sejbien ta' ħtija tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni kienu jiddependu mis-sejbien ta' ħtija fl-ewwel (1) u/jew fit-tieni (2) imputazzjoni u peress li din il-Qorti ser tiddikjara l-proċediment eżawriet fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet ifisser li din il-Qorti ma tista' qatt tikkonferma s-sejbien ta' ħtija (*o meno*) tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tillibera lill-appellant minn dawn l-aħħar żewġ imputazzjonijiet.

Illi b'hekk din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi din il-Qorti ser tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata minħabba dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt li tiddikjara l-proċediment eżawriet fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-appellant, tiddikjara lill-appellant mhux

ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**